Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,731, 9 ta' Novembru, 2021
Taqsima B

A.L. 426 tal-2021

ATT DWAR L-AWTORITÀ TAL-BINI U L-KOSTRUZZJONI (KAP. 623)

Regolamenti tal-2021 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Evitar ta' Ħsara lil Proprjetà ta' Terzi Persuni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 17 tal-Att dwar l-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni, il-Ministru responsabbli għall-industrija tal-bini, wara konsultazzjoni mal-Bord tal-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2021 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Evitar ta' Ħsara lil Proprjetà ta' Terzi Persuni u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar l-Evitar ta' Ħsara lil Proprjetà ta' Terzi Persuni, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "r-regolamenti prinċipali". L.S. 623.06.

Jemenda r-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali.

2. Is-subartikolu (6) tar-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdidli ġej:

"(6) Ma huwiex permess mil-liġi li jsir użu minn:

(a) makna għat-tħaffir b'martell idrawliku anness; jew

(b) drill pnewmatiku,

qabel is-sebgħa u nofs ta' filgħodu (7.30a.m.) u wara l-erbgħa ta' waranofsinhar (4.00p.m.) u l-ġurnata kollha fil-Ħdud u l-festi pubbliċi:

Iżda d-Direttur jista', fid-diskrezzjoni tiegħu stess, jew iċedi l-kondizzjoni indikata f'dan is-subregolament, wara talba bil-miktub mill-uffiċjal tekniku fuq is-sit, jew jimponi aktar restrizzjonijiet fuq il-ħin li fih dan it-tagħmir ikun jista' jintuża, fir-rigward ta' siti speċifiċi:

Iżda wkoll id-Direttur jista' jeżenta ċerti xogħlijiet mid-dispożizzjonijiet ta' dan is-subregolament, bħal ċerti xogħlijiet ta' emerġenza ta' natura infrastrutturali, inklużi xogħlijiet tad-drenaġġ, kif ukoll xogħlijiet mekkaniċi u elettriċi, u xogħlijiet magħmula biex jiġi eliminat periklu għall-pubbliku, bħal dawk relatati mat-tifqigħa u t-tixrid tan-nar u, jew bħal fejn hemm periklu imminenti ta' kollass ta' binjiet jew strutturi:

Iżda wkoll dan is-subregolament ma japplikax meta, fl-opinjoni tal-Ministru, ix-xogħlijiet huma meqjusa ta' interess pubbliku.".